MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tat-18 ta' Lulju, 2014

Numru. 694/2003

**Il-Pulizija**

**(Spettur Priscilla Caruana)**

**vs.**

**Michael Ellul**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Michael Ellul ta' 19-il sena bin Carmelo u Carmen nee Lia, imwieled Pieta, data ta' twelid 23 ta' Gunju 1984 u li joqghod 9, Triq ic-Cimiterju, Zabbar bin-numru tal-identita' 0303084(M)

Akkuzat:

1. Talli fuq ir-ramla tal-Bajja s-Sabiha Birzebbugia fil-15 ta' Lulju, 2003, ghal habta ta' 3.30 ta' wara nofs inhar ikkommetta serq ta' diversi oggetti li l-valur taghhom ma jeccedix il-mitt lira Maltin ghad-dannu ta' Marion Tennick liema serq kien ikkwalifikat bix-xorta tal-haga misruqa bi ksur tal-Artikolu 261(g); Art 271(a); u Art 281(a).
2. Barra minn hekk akkuzat talli minn fuq ir-ramla tal-Bajja s-Sabiha Birzebbugia, fl-14 ta' Lulju 2003 bejn il-hinijiet 06.45 pm u 07.10 pm ta' fil-ghaxija kkommetta serq ta' diversi oggetti li l-valur taghhom ma jeccedix il-mitt lira ghad-dannu ta' Clint Buttigieg u Joanne Caruana, liema serq huwa kkwalifikat bin-natura tal-haga misruqa bi ksur tal-artikolu 261(g); Art 271(a), u Art 281(a).
3. U akkuzat ukoll talli fid-19 ta' Gunju, 2003 gewwa Triq il-Labour Zabbar, ghal habta ta' 07.35 pm ta' fil-ghaxija, seraq diversi oggetti li l-valur taghhom ma jeccedix il-Lm100 ghad-dannu ta' Charmaine Busuttil minn Zabbar liema serq huwa kkwalifikat bin-natura tal-haga misruqa bi ksur tal-Artikoli 261(g); Art 271(a), u Art 281(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
4. Barra minn dan akkuzat talli fil-15 ta' Lulju 2003 u fil-jiem ta' qabel gewwa dawn il-gzejjer, ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien minn obbligi b'dawn l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffirmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jipprovaw u cioe' ghamel falsifikazzjoni tal-firma ta' Charmaine Busuttil u persuni ohra, fuq cekkijiet tal-HSBC u banek ohra u aktar talli xjentement ghamel uzu mill-istess atti, skritturi jew kitba falza u dan bi ksur tal-Artikoli 183 u 184 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
5. U aktar talli fid-19 ta' Gunju, 2003 ghal habta ta' 7.30 pm u 7.35 pm fi Triq il-Labour Zabbar, ikkommetta serq ta' diversi dokumenti fosthom cekk book tal-HSBC u diversi dokumenti u oggetti ohra minn vettura bin-numru DBF 678 proprjeta' ta' Charmaine Busuttil, liema serq hu aggravat bix-xorta tal-haga misruqa bi ksur tal-artiklu 261(g), Art 271(a), u Art 281(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
6. Ukoll talli laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex imexxihom jew ibieghhom bi ksur tal-Artiklu 344 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

7. Ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ffalsifika cedula, polza, ordni jew dokumenti ohra u cioe' cekkijiet tal-HSBC u banek ohra, illi meta jigu pprezentati wiehed jista' jircievi bihom hlas jew jiehu kunsinna ta' oggetti, jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi atti pubbliku tal-gvern u aktar talli ghamel uzu mill-istess karti msemmija u dan bi ksur tal-Artiklu 167 u 169 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
8. Ukoll talli fl-istess cirkostanzi b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann jew billi wera haga b'ohra sabiex iggieghlu jitwemmen ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ittanta li jaghmel qliegh ta' sebgha u sebghin lira Maltin (Lm77) bi hsara ta' Ivan u Charmaine Busuttil u diversi persuni, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-ezekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tieghu bi ksur tal-Artikolu 308, 309, 310 u 41 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali a fol. 8 tal-process, sabiex din il-Qorti tisma' u taqta' din il-kawza bi procedura sommarja.

Semghet it-trattazzjoni orali finali tal-Ufficjal Prosekutur u tad-Difiza.

Ikkunsidrat:

**Il-Fatti**

Il-fatti li taw lok ghal dawn il-proceduri kienu s-segwenti:

1. Fid-19 ta' Gunju 2003 Carmela maghrufa bhala Charmaine Busuttil kienet irrapportat li mill-karozza taghha insterqilha basket bil-mobile Nokia 3310 u chequebook. Dan ic-chequebook tal-HSBC bank kien ta' joint account fuqha u fuq ir-ragel taghha Ivan Busuttil.[1]
2. Fl-14 ta' Lulju 2003, Clint Buttigieg irrapporta li waqt li kien il-Bajja s-Sabiha ta' Birzebbugia kien insteraqlu basket, b'diversi affarijiet fosthom kartiera u l-identity card.[2]
3. Fil-15 ta' Lulju 2003, PC 626 Giancarlo Bennetti flimkien ma' pulizija iehor kienu *beach patrol* fuq ir-ramla tal-Bajja s-Sabiha ta' Birzebbugia, meta ghal habta tat-3.30pm, xi persuni indikawlhom li kienu ghadhom kif insterqu xi affarijiet minn fuq ir-ramla. In-nies urewhom zewg persuni mill-boghod li setghu serqu l-affarijiet, il-pulizija immarkawhom u bdew mixjin warajhom.
4. Dawn il-persuni kienu l-imputat u Antoine Spiteri. Kif dawn indunaw li qed jigu segwiti mill-pulizija, Antoine Spiteri waddab basket lil Michael Ellul. L-imputat waddab il-basket mal-art u telqu jigru t-tnejn. Eventwalment it-tnejn li huma gew arrestati.
5. Fil-basket instabu xi affarijiet bhal xugamani li jiehdu n-nies meta jmorru jghumu, flimkien ma' *mobile* Nokia 3310 u LM4.32 cash. Dawn l-affarijiet kienu ta' koppja barranija, li kienu ghadhom kif insterqu.[3]
6. Il-Pulizija ghamlet search fil-vann ta' Antoine Spiteri, u fil-bieba tal-passiggier instab wallet li kellu zewg Identity Cards u cheque book.[4] Antoine Spiteri qal kemm lill-Pulizija kif ukoll waqt ix-xhieda tieghu f'dawn il-proceduri, li dawn l-affarijiet ma kienux tieghu, izda kienu tal-imputat li kien tefaghhom fil-bieba tal-passiggier meta tela' fil-vann ta' Spiteri.[5]
7. Fl-istqarrija tieghu, l-imputat ammetta li z-zewg Identity Cards u cheque book kienu tieghu u li kien hallihom fil-bieba tal-vann ta' Spiteri biex ma joqghodx igorrhom mieghu.[6]
8. L-Identity Cards kienu wahda ta' Matthew Frendo u l-ohra ta' Clint Buttigieg, u c-cheque book kien f'isem Ivan u Charmaine Busuttil.[7]
9. Fl-istqarrija tieghu l-imputat qal li Identity Card ta' Clint Buttigieg kien sabha go wallet Birzebbugia hdejn dustbin, u l-Identity card ta' Matthew Frendo u c-cheque book kien sabhom go garaxx li kien fih hafna imbarazz.
10. Fl-istqarrija tieghu, l-imputat jghid li kien hu li kien mela cekk minnhom bil-kliem *"seventy seven pounds maltese liri to Buttigieg Clint"* u ffirma ghal Charmaine Busuttil u ddatah 15 ta' Lulju 2003. L-imputat stqarr li kien bi hsiebu isarraf ic-cekk minn fuq l-idejn Rahal Gdid,

[1] Ara xhieda ta' PC 968 Mario Zammit a fol. 49 tal-process u xhieda ta' Charmaine Busuttil a fol. 55 *et seq.* tal-process.
[2] Ara xhieda ta PC 966 Desira a fol. 41 *et seq.* tal-process, u xhieda ta' Clint Buttigieg a fol. 62 tal-process
[3] Ara xhieda ta' PC 626 Giancarlo Bennetti a fol. 38 *et seq.* tal-process u xhieda ta' PS 853 Frankie Sciberras a fol. 34 *et seq.* tal-process.
[4] Ara xhieda ta' PS 853 Frankie Sciberras a fol. 35 tal-process.
[5] Ara xhieda ta' Antoine Spiteri a fol. 14 tal-process.
[6] Ara fol. 6 tal-process.
[7] Ara stqarrija a fol. 6 tal-process.

pero imbaghad rega' bdielu ghax beza li mill-identity card jindunaw li ma kienx Clint Buttigieg.

11. L-imputat ammetta wkoll li l-gurnata ta' qabel u cioe fl-14 ta' Lulju 2003, hu kien mar ukoll Birzebbugia wara nofs-in-nhar ma wiehed jghidulu tan-Nepuc, li kien jaf li jismu Ronald pero ma kienx jaf kunjomu.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

Din il-Qorti sejra tikkonsidra l-imputazzjonijiet kontra l-imputat wahda wahda, izda mhux f'ordni kronologika. F'xi whud minn dawn l-imputazzjonijiet hija rilevanti ix-xhieda tal-komplici Antoine Spiteri, li ghalkemm m'ghandhiex bzonn korroborazzjoni, din il-Qorti sejra tikkunsidraha b'kawtela, ai termini tal-Artikolu 639(3) tal-Kodici Kriminali.

*L-ewwel Imputazzjoni – Serq ghad-dannu ta' Marion Tennerick.*

Ghalkemm l-ufficjal prosekutur fid-19 t'Awwissu 2003 kienet ipprezentat rikors sabiex tixhed b'urgenza Marion Tennick, stante li kienet barranija u kien bi hsiebha titlaq minn dawn il-Gzejjer fil-21 ta' Awissu 2003, fl-atti ma hemmx xhieda ta' Marion Tennerick. Pero, sfortunatament il-process mhux komplet ghaliex hemm il-verbal tal-ewwel seduta nieqes. In oltre fix-xhieda tieghu fis-seduta tad-19 ta' Awissu 2003, Antoine Spiteri jirreferi ghal *"dawk li xehdu qablu"*,[8] imma fis-seduta tad-19 ta' Awissu 2003 hemm biss ix-xhieda ta' Antoine Spiteri u tal-Ispettur Nadia Falzon.

PC626 Giancarlo Bennetti xehed li fil-15 ta' Lulju 2003 qabad lill-imputat fuq ix-xtajta ta' Birzebbugia u li l-basket li Antoine Spiteri waddab lill-imputat waqt li kienu qed jigru biex jaharbu, kien ghadu kemm insteraq lil koppja barranija, li ma kienx jaf ta' liema nazzjonalita hi.[9]

---

[8] Ara xhieda ta' Antoine Spiteri a fol. 12 tal-process.
[9] Ara xhieda ta' PC626 Giancarlo Bennetti.

Pero din il-prova vaga ma hix sufficjenti sabiex tinsab htija sal-grad rikjest fil-kamp kriminali. Ghaldaqstant, il-Qorti sejra tillibera lill-imputat minn din l-imputazzjoni.

*It-Tieni Imputazzjoni - serq ghad-dannu ta' Clint Buttigieg u Joanne Caruana*

PC 966 Desira xehed li fl-14 ta' Lulju 2003, Georgina Caruana u Clint Buttigieg irrappurtaw li kienu *Pretty Bay* B'Bugia u insterqulhom zewg basktijiet, li kellhom diversi oggetti fihom. Kien hemm l-ID cards tat-tnejn li huma, cioe ta' Caruana u Buttigieg, u kien hemm cwievet, mobile phone, zewg wallets, optical glasses, ring u pendent, wrist watch u silver bracelet.[10] Sfortunatament dan ix-xhud ma jindentifikax liema kienu l-oggetti ta' Buttigieg u liema kienu l-oggetti ta' Caruana.

Georgina Caruana xehdet li kienu serqu lit-tifla taghha Joanne waqt li kienet qieghda tghum B'Bugia, u fost l-affarijiet li serqulha kien hemm arlogg, nuccali tal-vista, gizirana u xi hwejjeg.[11] It-tifla Joanne Caruana ikkonfermat dak li xehdet ommha u ziedet tghid li serqulha wkoll mobile phone u l-portmoni li kien fih xi LM10.[12]

Fl-istqarrija tieghu l-imputat xehed li fl-14 ta' Lulju 2003 kien mar man-Nepuc il-Bajja ta' Birzebbugia wara nofs-in-nhar, u Antoine Spiteri xehed li l-imputat kien qallu li dak in-nhar hu, cioe l-imputat u n-Nepuc kienu serqu zewg basktijiet.[13] Pero dawn iz-zewg provi wahedhom ma humiex sufficjenti sabiex jistabilixxu lill'hinn minn kull dubbju ragonevoli, li kien l-imputat li seraq il-basket ta' Joanne Caruana. Ghaldaqstant, din il-Qorti sejra tilliberah lill-imputat minn din l-imputazzjoni in kwantu tirrigwarda s-serq li sofriet Joanne Caruana.

Min-naha l-ohra, fix-xhieda tieghu Clint Buttigieg qal li kienu serqulu basket li fih kellu kartiera u xi flokk, u li fil-kartiera kellu identity card u xi flus, pero ma setghax jiftakar kemm.[14] L-identity card ta' Clint Buttigieg instabet fil-pussess tal-imputat. Fl-istqarrija tieghu, l-imputat xehed li kien sab din l-

[10] Ara xhieda ta' PC966 Desira a fol. 41-42 tal-process.
[11] Ara xhieda ta' Georgina Caruana a fol. 79 tal-process.
[12] Ara xhieda ta' Joanne Caruana a fol. 74 tal-process.
[13] Ara xhieda ta' Antoine Spiteri a fol. 17 tal-process.
[14] Ara xhieda ta' Clint Buttigieg a fol 60 tal-process.

identity card go kartiera hdejn dustbin. Kif diga inghad, Antoine Spiteri xehed li l-imputat kien qallu li dak in-nhar hu, cioe l-imputat u n-Nepuc kienu serqu zewg basktijiet. Pero x-xhieda ta’ Antoine Spiteri, li huwa komplici, trid titqies b’kawtela. Din il-Qorti ma tistax teskludi fuq il-bazi tal-probabbli li l-imputat vera sab din l-identity card hdejn dustbin, ghax min seraq il-basket lil Clint Buttigieg, rema l-kartiera bl-identity card ta’ Buttigieg, kif huwa notorju li l-hallelin jaghmlu. Mill-assjem tal-provi, din il-Qorti ma tistax tghid li l-prosekuzzjoni irnexxielha tipprova lill’hinn minn kull dubbju ragonevoli li kien l-imputat li seraq il-basket ta’ Clint Buttigieg.

Ghaldaqstant, din il-Qorti sejra tillibera lill-imputat anke minn din l-imputazzjoni ta’ serq a dannu ta’ Clint Buttigieg.

*It-Tielet u l-Hames Imputazzjoni – Serq a dannu ta’ Charmaine Busuttil*

Dawn iz-zewg imputazzjonijiet it-tnejn jirrigwardaw l-istess incident, u cioe is-serq li sofriet Charmaine Busuttil fid-19 ta’ Gunju 2003 meta halliet il-karozza taghha miftuha ghal ftit minuti biex tmur tixtri minghand tal-pastizzi, u meta irritornat sabet li serqulha l-handbag mill-karozza. F’dan il-handbag kellha chequebook tal-HSBC Bank li kien ta’ joint account f’isimha u f’isem ir-ragel Ivan Busuttil. Fil-handbag kellha wkoll mobile phone.[15]

Ic-cheque book ta’ Charmaine Busuttil instab fil-pussess tal-imputat. Fl-istqarrija tieghu l-imputat jghid li dan ic-chequebook sabu go garaxx li kien bla bieb u li kien fih hafna imbarazz. Din il-Qorti issib li din il-verzjoni li ta l-imputat ta’ kif sab ic-chequebook mhix veritiera. Min-naha l-ohra, dan il-fatt wahdu mhux bizzejjed biex din il-Qorti tista’ tghid lill’hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni li kien l-imputat li seraq il-handbag u/jew ic-cheque book ta’ Charmaine Busuttil.

Ghaldaqstant, il-Qorti ma ssibx lill-imputat hati tat-tielet u l-hames imputazzjonijiet.

[15] Ara xhieda ta’ Charmaine Busuttil a fol. 55 tal-process.

<u>*Is-Sitt Imputazzjoni – Ricettazzjoni*</u>

Kif diga intqal, il-kartiera bl-identity card ta' Clint Busuttil u c-cheque book ta' Charmaine Busuttil instabu fil-pussess tal-imputat, u indipendentement minn kif sabu ruhhom fil-pussess tal-imputat, din il-Qorti m'ghandhix dubbju li l-imputat kien konxju tal-fatt li dawn l-affarijiet kienu gew misruqa.

In oltre, l-imputat inqabad *red-handed* b'basket misruq. Fl-istqarrija tieghu, l-imputat jghid li kien Antoine Spiteri (Toni) li seraq il-basket minn fuq il-bajja ta' B'Bugia, u li Spiteri nehha l-mobile phone u l-flus minn go fih u tah il-basket. Min-naha l-ohra Spiteri jghid li hu u l-imputat kienu qed iduru ghall-affarijiet flimkien u li kienu t-tnejn flimkien li serqu l-basket.[16] PC626 Giancarlo Bennetti xehed li meta kien qed isegwi lill-imputat u lil Spiteri, Spiteri waddab basket lill-imputat, u li l-imputat telaq il-basket mal-art u telqu jigru t-tnejn.[17] F'dan l-istat ta' kunflitt ta' provi, din il-Qorti ma tistax tghid li l-Prosekuzzjoni ippruvat sal-grad rikjest minnha fil-kamp kriminali, li l-imputat xjentement laqa' ghandu basket li kien jaf li kien gie misruq.

Ghaldaqstant, il-Qorti qieghda ssib lill-imputat hati biss ta' ricetazzjoni tal-kartiera bl-identity card ta' Clint Buttigieg fih u tac-chequebook ta' Charmaine Busuttil.

<u>*Ir-raba', is-seba' u tminn Imputazzjonijiet – falsifikazzjoni tal-firma ta' Charmaine Busuttil fuq cekk tal-HSBC, falsifikazzjoni ta' cekk tal-HSBC u attentat ta' frodi ta' LM77 a dannu ta' Ivan u Charmaine Busuttil*</u>

Fl-istqarrija tieghu, l-imputat jghid li kien hu li kien mela cekk minnhom bil-kliem *"seventy seven pounds maltese liri to Buttigieg Clint"* u ffirma ghal Charmaine Busuttil u ddatah 15 ta' Lulju 2003. L-imputat stqarr li kien bi hsiebu isarraf ic-cekk minn fuq l-idejn Rahal Gdid, pero imbaghad rega' bdielu ghax beza li mill-identity card jindunaw li ma kienx Clint Buttigieg.

[16] Ara xhieda ta' Antoine Spiteri a fol-12-13 tal-process.
[17] Ara xhieda ta' PC626 Giancarlo Bennetti a fol. 39 tal-process.

Din il-Qorti ma temminx lill-imputat meta jghid li rega' bdielu li isarraf ic-cekk, u dan ghaliex li kieku ma kienx joqghod igorr l-identity cards u c-chequebook mieghu u jpoggihom fil-vann ta' Antoine Spiteri. Ghaldaqstant, l-imputat ma sarrafx ic-cekk ghar-raguni li gie arrestat mill-pulizija – raguni accidentali u indipendenti mill-volonta' tieghu.

Ghaldaqstant, il-Qorti issib lill-imputat hati tar-raba' imputazzjoni, imma limitatament li ffalsifika l-firma ta' Charmaine Busuttil fuq cheque tal-HSBC, u tilliberah milli xjentement ghamel uzu ta' dan ic-cekk.

Il-Qorti qed tillibera wkoll lill-imputat mis-seba' imputazzjoni u cioe li ffalsifika cekk tal-HSBC, stante li dan ma jirrizultax mill-provi u kif lanqas jirrizulta mill-provi li l-imputat ghamel uzu mic-cekk hekk falsifikat.

Teknikament l-imputat huwa hati wkoll tat-tminn imputazzjoni, u cioe li kiser l-Artikolu 308, abbinat mal-Artikolu 41 tal-Kodici Kriminali, billi ittanta jaghmel qliegh ta' seba' u sebghin Lira Maltin (LM77.00) bi hsara ta' Ivan u Charmaine Busuttil, u wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-ezekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' tieghu.

Pero l-fatt li ta lok ghas-sitt imputazzjoni, u cioe falsifikazzjoni tal-firma ta' Charmaine Busuttil fuq cekk tal-bank, u l-fatt li ta lok ghat-tmien imputazzjoni u cioe attentat ta' frodi a dannu ta' Ivan u Charmaine Busuttil huwa wiehed uniku, u cioe il-falsikazzjoni tal-firma ta' Charmaine Busuttil fuq cheque tal-bank. Ghalhekk jidher li f' dan il-kaz hemm l-elementi kollha li trid il-gurisprudenza biex japplika l-principju tal-assorbiment, meta minn fatt wiehed w uniku johorgu zewg reati w dan stante l-konkors formali ezistenti bejn dawn iz-zewg reati li bihom gie akkuzat l-imputat. Fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Jacques Cassar** deciza fis-6 ta' Jannar 2005, il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri)[18] irriteniet: *"... l-appellant qed jirreferi ghall-konkors formali jew idejali li, ghalkemm il-ligi taghna ma ssemmiehx espressament , il-Qrati taghna dejjem accettaw u applikaw fil-prattika. Hu ormai principju stabilit li fejn l-istess fatt, rizultanti mill-istess u l-unika intenzjoni kriminali, jaghti lok ghall-ksur jew vjolazzjoni ta' diversi dispozizzjonijiet tal-ligi, ma jkunx hemm diversi reati distinti*

[18] *Per* Imhallef Dott. Joseph Galea Debono.

*minn xulxin izda biss reat wiehed , bir-reati minuri assorbiti fir-reat aktar gravi. (Ara Appelli Kriminali : "Camilleri vs. Cilia et." [2.12.1839]; "Il-Pulizija vs. Cachia" [10.12.1939]; "Il-Pulizija vs. Pace" [28.1.1939] u ohrajn.)*[19]

Konsegwentement, l-imputat ghandu jwiegeb ghar-reat l-iktar gravi u cioe dak ta' falsifikazzjoni tal-firma fuq cekk kontemplat fis-sitt imputazzjoni, u ghalhekk qed jigi liberat mir-reat ta' attentat ta' frodi kontemplat fit-tminn imputazzjoni.

**Konsiderazzjonijiet dwar il-Piena**

Dwar il-piena, il-Qorti ikkunsidrat li l-imputat ikkoopera mal-pulizija, ghalkemm irid jinghad li huwa inqabad *red-handed.*

Rigward ir-reat ta' ricetazzjoni dan huwa limitat ghall-kartiera bl-identity card ta' Clint Buttigieg go fiha u tac-chequebook ta' Charmaine Busuttil. Ma hemmx prova tal-valur ta' dawn l-oggetti, u allura din il-Qorti se tiehu bhala bazi l-inqas valur possibbli u cioe dak taht €23.29 – u cioe dak ta' serq semplici taht l-Artikolu 285 tal-Kodici Kriminali.

Rigward ir-reati ta' falsifikazzjoni tac-cheque u l-attentat ta' frodi, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni li l-ammont li l-imputat kiteb fuq ic-cheque kien ta' sebgha u sebghin lira Maltin (LM77) (ekwivalenti ghal €179.36), li ma hux wiehed sostanzjali.

Il-Qorti hadet inkonsiderazzjoni wkoll li, ghalkemm meta gie mressaq il-Qorti, l-imputat kellu dsatax (19)-il sena u fedina penali netta, mill-fedina penali aggiornata jirrizulta li l-imputat ghandu tlett kundanni ta' serq.

---

[19] Ara wkoll fl-istess sens **Il-Pulizija vs. Emanuel Tabone** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri (*per* Imhallef Dott. Vincent De Gaetano) fis-26 ta' Awwissu 1998.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 261(g), 271(a), 281(a), 183, 184, 334, 285, 167, 169, 308, 309, 310, 41, u 17 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat mhux hati tal-ewwel, it-tieni, it-tielet, il-hames, is-seba, t-tminn imputazzjonijiet u kif ukoll mhux hati tar-raba' imputazzjoni limitatament talli xjentement ghamel uzu mid-dokument falsifikat, u cioe tar-reati kontemplati taht l-Artikoli 261(g), 271(a) u 281(a), 167, 169, 308, 309, 310, 41 u 184 tal-Kapitolu 9, u qed tilliberah minnhom, izda issibu hati tar-raba' imputazzjoni limitatament talli iffalsifika l-firma ta' Charmaine Busuttil fuq ic-cheque bi ksur tal-Artikolu 183 tal-Kapitolu 9, u tas-sitt imputazzjoni u cioe tar-reat kontemplat fl-Artikolu 334 tal-Kapitolu 9, u tikkundannah ghal piena karcerarja ta' erbatax (14)-il xahar, li fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq maghmula qieghda tigi sospiza ghal perjodu ta' erba' (4) snin, ai termini tal-Artikolu 28A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ai termini tal-Artikoli 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti fissret lill-hati fi kliem car u semplici l-import ta' din is-sentenza u l-konsegwenzi f'kaz li jonqos milli josservaha, u cioe f'kaz li jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija fiz-zmien operattiv.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------